

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Jannar 2014

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra**

(2014/48/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 753/2007<sup>(1)</sup> dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja<sup>(2)</sup> ("il-Ftehim"). Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja prevista bil-Ftehim<sup>(3)</sup> ("il-Protokoll attwali") ġie mehmuż miegħu. Il-Protokoll attwali se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012.
- (2) L-Unjoni nnegożjat mal-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern tal-Groenlandja Protokoll ġdid għall-Ftehim li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja.
- (3) Il-Protokoll ġie ffirmat skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/653/UE<sup>(4)</sup> suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard, u għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2013.

(4) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra, huwa b'dan awtorizzat fisem l-Unjoni<sup>(5)</sup>.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, fisem l-Unjoni, in-notifika prevista fl-Artikolu 13 tal-Protokoll.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kunsill**Il-President*

G. STOURNARAS

<sup>(1)</sup> ĠU L 172, 30.6.2007, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 172, 30.6.2007, p. 4.<sup>(3)</sup> ĠU L 172, 30.6.2007, p. 9.<sup>(4)</sup> ĠU L 293, 23.10.2012, p. 4.<sup>(5)</sup> It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠU L 293, 23.10.2012, p. 5 flimkien mad-deċiżjoni dwar il-firma.